

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2018 – Runnebaum Invest vs EUIPO – Berg Toys Beheer (Bergsteiger)****(Kawża T-736/18)**

(2019/C 65/55)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet***Rikorrenti:* Runnebaum Invest GmbH (Diepholz, il-Ġermanja) (rappreżentant: W. Prinz, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Berg Toys Beheer BV (Ede, il-Pajjiżi l-Baxxi)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “Bergsteiger” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 145 791*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Ottubru 2018 fil-Każ R 572/2018-4**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 47(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Diċembru 2018 – Dragnea vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-738/18)**

(2019/C 65/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet***Rikorrent:* Liviu Dragnea (Bukarest, ir-Rumanija) (rappreżentanti: B. O'Connor, solicitor u S. Gubel, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni OCM(2018)20575, mibgħuta lir-rappreżentant legali tar-rikorrent permezz ta' ittra tal-1 ta' Ottubru 2018;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.